IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2083

tal-14 ta' Diċembru 2020

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-entrata għall-Ġappun fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fl-Unjoni b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-fraži introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8 u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1), u l-Artikolu 25(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([3]) jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin waqt it-tranżitu, tat-tjur u tal-prodotti tat-tjur (il-prodotti). Jipprevedi li l-prodotti jistgħu jiġu importati mill-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni u mill-kumpartimenti elenkati fil-kolonni 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu biss.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment ikunu jistgħu jitqiesu ħielsa mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI).

(3) Il-Ġappun huwa elenkat fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż terz li minnu huma awtorizzati, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni, u t-tranżitu minnha, ta' ċerti prodotti tat-tjur, mit-territorju kollu tiegħu.

(4) Fil-5 ta' Novembru 2020, il-Ġappun ikkonferma l-preżenza tal-HPAI tas-sottotip H5 f'azjenda agrikola tat-tjur fit-territorju tiegħu. Minħabba dik it-tifqigħa kkonfermata tal-HPAI, il-Ġappun ma jistax jibqa' jitqies ħieles minn dik il-marda u għalhekk l-awtoritajiet veterinarji tal-Ġappun ma jistgħux jibqgħu jiċċertifikaw il-konsenji tal-laħam tat-tjur għall-konsum mill-bniedem maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni jew għat-tranżitu minnha.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ l-entrata għall-Ġappun fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 tiġi emendata biex tqis is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali f'dak il-pajjiż terz.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-entrata għall-Ġappun fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, hija sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi tal-ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	**Kodiċi tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment**	**Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment**	**Ċertifikat veterinarju**		**Kundizzjonijiet speċifiċi**	**Kundizzjonijiet speċifiċi**		**Status ta' sorveljanza tal-influwenza tat-tjur**	**Status tat-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur**	**Status tal-kontroll tas-*Salmonella*[9]**
			Mudell(i)	**Garanziji addizzjonali**		**Data tal-għeluq[1]**	**Data tal-ftuħ[2]**			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"JP — il-Ġappun	JP-0	Il-pajjiż kollu	EP, E							
			POU		P2	5.11.2020"				